MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 60

3 ta' Ottubru 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 60 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.6.4. **(Ref: A/5/3/5/Vol IV)** u talab li tinqara kif ġej:

*"2.6.4. Is-Sur R. Cutajar rrefera wkoll għall-minuta 8.7. u qal ir-rokna kkordinata mill-istudenti mill-Fakolta` tal-Arkitettura fl-Universita` li kienu ser tkun f'Misraħ il-Parroċċa, kellha tiġi abbandunata, minħabba restrizzjonijiet imposti mill-MEPA dwar il-ġarr ta' ramel mill-bajjiet. Minkejja dan, l-attivita` saret xorta waħda fl-Għadira. B'referenza għall-minuta 8.9, is-Sindku qal li l-preżentaturi Clifford Galea u Donna Mercieca, kellhom inpenji oħra u minflokom daħlu u Darlene Borg u Marilyn Grima, rispettivament.".*

1.2. Is-Sur C. Bartolo aċċenna wkoll għall-minuta 12.2. **(Ref: C/3/2/Vol II)** u ppropona li tinqara hekk:

*"12.2. Is-Sindku rrefera għall-business breakfast li sar nhar is-Sibt 10 ta' Settembru 2011 fil-Maritim Hotel Antonin Hotel & Spa. Huwa qal li kien hemm attendenza tajba minn korpi kostitwiti bħal G.R.T.U. u s-C.M.T.U., filwaqt li kien jistenna aħjar mill-għaqdiet u l-lukandiera Melleħin. Fil-fatt kienu rappreżentati biss il-Mellieħa Scout Group, Mellieħa Sports Club, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, il-Ladies Craft Circle, l-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru u l-Panorama Hotel, filwaqt li min-naħa tal-partiti politiċi attendew l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-kelliemi tal-Partit Laburista dwar il-Kunsilli Lokali – l-Onor. Stefan Buontempo – ma attendiex minħabba npenn ieħor.*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 59 bl-emendi t'hawn fuq, kif wkoll li dan id-dokument jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)(A/5/5/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-mawra f'Casalborgone, Turin l-Italja tad-delegazzjoni magħmula minn 14-il persuna, marret tajjeb. Iż-żjara seħħet bejn is-17 u d-19 ta' Settembru 2011. Huwa qal li dawn l-

okkażjonijiet iservu biex jinħolqu kuntatti ġodda. Id-delegazzjoni Rumena mill-belt ta' Cugir għamlet stedina għal festival ta' korijiet tat-tfal u attivitajiet sportivi li ser iseħħu fl-istess belt fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju 2012. L-organizzatturi lesti li jipprovdu l-akkomodazzjoni u l-ivjaġġar bejn l-ajruport u Cugir.

2.1.3. Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-proġett Terra Mirabilis jinvolvi serje` ta' konferenzi fil-pajjiż ta' kull imsieħeb f'din l-inizjattiva. Il-konferenza f'Malta hija skedata fit-2 u t-3 ta' Marzu 2012. Huwa ppropona li Jum il-Kunsill 2012 għandu jiġi mressaq aktar lura sabiex jaħbat mal-konferenza. Issuġġerixxa wkoll li għat-tieni sena konsekuttiva s-serata ta' Jum il-Kunsill għandha ssir fir-Radisson Blu Resort & Spa Golden Sands, fejn artisti mid-delegazzjonijiet li jkunu Malta għall-konferenza jkollhom l-opportunita` itellgħu spettaklu mużikali bħala parti mill-istess serata u f'okkażjonijiet oħra.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel mad-dati proposti għal Jum il-Kunsill 2012.

### 2.2.1. Konkors - Sportivi Melleħin tas-Sena 2010/2011 (S/4/4)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienx hemm nomini x'jitressqu apparti dik tas-Sur Carmelo Bartolo.

2.2.3. Billi ma tressqet ebda nomina, is-Sindku appella li din il-materja għandha tiġi konkluża sas-seduta li jmiss.

### 2.3.1. Iljieli Melleħin 2011 (A/5/3/5/Vol IV)

2.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u ressaq rendikont tal-ispejjeż b'rabta mal-attivitajiet imsemmija. Spjega li n-nefqa konnessa maż-żjara tad-delegazzjoni minn Cavriglia li pparteċipat fl-Iljieli Melleħin 2011 ġiet iffinanzjata mill-vot tal-Ġemellaġġi u kienet tammonta €1,333. Apparti dan, in-nefqa fuq l-attivitajiet *per se*` hija stmata li tlaħħaq €14,706, kontra dħul ta' €11,950. Id-dħul ewlieni kien permezz tal-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali u mil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Ir-rendikont tal-ispejjeż li ġew reġistrati sad-data tas-seduta qed jiġi mehmuż ma' dawn il-minuti.

2.3.3. Il-Kunsill innota r-rendikont imressaq.

### 2.4.1. Rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)

2.4.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fis-27 ta' Settembru 2011, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa msejħa minn Transport Malta dwar l-arranġamenti temporanji li ser jidħlu fis-seħħ sakemm jitwettaq ix-xogħol kollu fuq Dawret il-Mellieħa. Huwa qal li f'din il-laqgħa kienu preżenti rappreżentanti mill-General Retailers and Traders Union u l-Malta Hotels and Restaurants Association. Dawn esprimew it-tħassib tagħhom dwar ir-restrizzjonijiet tal-ipparkjar kienu ser jissarfu f'inqas negozju u għalhekk kellhom jsejħu laqgħa għall-membri tagħhom. Is-Sur E. Bartolo spjega wkoll li kien hemm tibdil fid-disinn tat-triq il-ġdida, fis-sens li l-*S-bend* f'Ta' Pennellu ser titħalla, iżda ssir aktar fil-kobor biex tiffaċilita` t-traġitt ta' vetturi kbar.

2.4.3. Is-Sindku kkummenta li ma kienx hemm qbil mal-proposti mressqa minn Transport Malta billi perjodu ta' sena huwa twil wisq u ċertament jaffettwa l-komunita` kummerċjali tat-toroq ewlenin, partikularment bin-nuqqas ta' faċilitajiet għall-ipparkjar. Huwa qal ukoll li nġibditlu l-attenzjoni fl-istess li fl-inħawi fejn ser issir *S-bend* jeżisti qabar puniku.

2.4.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li bl-arranġament propost, it-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar u jgħaddi minn Triq Lewis Wettinger fi triqtu lejn iċ-Ċirkewwa, jista' jikkawża nkonvenjent fil-qalba tal-Mellieħa jekk idur għal Triq Qasam Barrani, Triq Ġnien Ingraw u Triq is-Santwarju. Għaldaqstant ikun aħjar li jsiru tabelli fit-telgħa ta' Selmun sabiex it-traffiku kollu li jkun sejjer f'din id-direzzjoni jgħaddi minn Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier.

2.4.5. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab pjanta mingħand Transport Malta, li turi t-tabelli kollha li ser jitwaħħlu.

### 2.5.1. Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa (C/3/2/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed isiru kuntatti sabiex ir-rapport finali mħejji minn E.R.C.S. Ltd jiġi ppreżentat lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Dr Chris Said fil-ġimgħat li ġejjin.

2.5.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 2.6.1. Tħejjija ta' *Energy Audit* (C/3/2/Vol II)

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ser issir laqgħa mad-diriġenti tad-ditta CHI Consultants bil-għan li jitfassal *time frame* meta għandu jiġi sottomess l-istudju fil-każ tal-Iskola Primarja.

## 2.7.1. Titjib u Tisbiħ bejn il-Blokki fil-Qasam Ta' Pennellu (B/7)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 18.1 tas-seduta preċedenti u għarraf li nbeda x-xogħol li ser ikun iffinanzjat taħt l-Iskema Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.8.1. Parteċipazzjoni fil-*Car Free Day* (A/4/5/Vol II)

2.8.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li fil-*Car Free Day* li saret nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru ngħalqu t-toroq ewlenin, kif ukoll Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Misraħ il-Parroċċa bejn id-9.00am u l-5.00pm, permezz ta' erba' Gwardjani Lokali. F'Misraħ il-Parroċċa ttellgħa programm ta' varjeta` b'kant u żfin minn tfal ta' etajiet differenti mill-iskola ta' Tanya Turner. Fl-10.00 ta' filgħodu saret *fun-run* għal tfal u adulti mill-Mellieħa Athletics Club, minn Triq-il-Kbira u għaddiet minn Triq Ġorġ Borg Olivier, Misrah iz-Zjara tal-Papa Gwanni Pawlu II, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella u ntemmet f' Misraħ il-Parroċċa. Fl-10.30am beda logħob ta' *mini-basketball* mit-tfal, kordinat mill-Malta Basketball Association. Fil-11.00 ta' filgħodu saret diskussjoni bit-tema "Il-kongestjoni tat-traffiku u Emissjonijiet: X'effett iħallu ?" F'din l-istess diskussjoni ħadu sehem Dr. Maria Attard, *senior lecturer* fl-Universita' ta' Malta, flimkien mas-Sinjura Eleanor Vella mill-Maritime Conservation Unit ta' Nature Trust. Wara nofsinhar kien hemm *Street Football* minn timijiet ta' taħt il-15 u s-17-il sena mill-Mellieha Sports Club Football Nursery.

2.8.3. Is-Sur E. Bartolo kompla jgħid li matul il-gurnata, l-Kunsill offra servizz ta' *park and ride* minn hdejn ir-*roundabout* ta' Selmun sa' Misraħ il-Paroċċa u lura. Barra minn hekk, f' Misraħ il-Parroċċa ntrama *Bouncing Castle* għal tfal, kif ukoll *face-painting* u tinda għall-*arts & crafts* għat-tfal li attendew. Ġew ipprovduti ħames roti sabiex jintuzaw mit-tfal bil-għan li jitħajru jużawhom bħala mezz ta' trasport. Lejn tmiem l-attivita` gew imtella' żewġ roti fost it-tfal li ħadu sehem. Għall-adulti ġew imtella' għoxrin biljett tal-karozzi tal-linja validi għal sebat ijiem, offruti minn Arriva Malta Ltd. Il-parteċipanti kollha ngħataw *T-shirt* u pendent li saru apposta bħala tifkira tal-okkażjoni.

2.8.4. Il-Viċi Sindku kkummenta li għalkemm il-pubbliku ma jikkonkorrix daqshekk għal attivitajiet bħal dawn, wieħed m'għandux jaqta' qalbu. L-ewwel reazzjoni tal-pubbliku meta jingħalqu t-toroq tkun waħda negattiva, iżda ladarba jaraw l-iskop wara dawn l-inizjattivi tinbidel l-attitudni. Is-Sur E. Bartolo għalaq billi qal li kampanji ta' din ix-xorta ghandhom ikunu ndirizzati lejn it-tfal u żgħażagħ sabiex ġenerazzjonijiet futuri jgawdu mill-vantaġġi miksuba minn attivitajiet simili.

2.8.5. Il-Kunsill innota l-andament tal-attivitajiet li ġew organizzati.

## 2.9.1. Proġett *Let's Art* flimkien ma' żgħażagħ minn Elblag fil-Polonja (P/10/10)

2.9.2. Il-Kunsillier P. Cutajar aċċenna għall-minuta 22.1. tas-seduta preċedenti u qal li sfortunatament kien għadu m'għaddiex ir-rendikont sħiħ tal-ispejjeż. Billi l-organizzaturi tal-proġett għaddew il-fondi biex ikopru parti mill-ispejjeż tal-ivjaġġar, huwa appella sabiex isir u l-ħlasijiet dovuti lill-parteċipanti.

2.9.3. Is-Sindku għarraf li saret applikazzjoni lis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali bil-għan illi jiġu rkuprati l-fondi li mistenni jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill.

2.9.4. Il-Kunsill qabel li l-ispejjeż kollha tal-ivjaġġar bl-ajru li saru mill-parteċipanti għandhom jitħallsu mill-Kunsill.

**Tqegħid ta' Karti**

- *Purchase Request Form* – 03/10/11;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/09/11 – 29/09/11;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Pjanta riveduta – *Soft Area* bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida
- Rendikont dwar dħul u infieq – Iljieli Melleħin 2011

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Sewqan perikoluż fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol IX)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 26 ta' Settembru 2011, mibgħut mis-Sur Sammy Gatt, fejn talab li jsiru *rumble strips* fil-kurvi ta' fuq fi Triq Għajn Żejtuna, peress li attwalment jeżisti periklu, kemm għat-traffiku li jkun għaddej fit-triq, kif ukoll meta jkunu ħerġin vetturi mid-*driveways* tar-residenzi li hemm fl-istess parti tat-triq.

4.1.3. Is-Segretarju fakkar ukoll li kienu saru kuntatti bejn il-Kunsill, l-Għaqda Residenti Santa Marija Estate u Transport Malta dwar numru ta' arranġamenti għat-traffiku mifruxa fuq l-*estate* kollu. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li Transport Malta għadha qed tistenna tweġiba dwarhom mill-Kunsill.

4.1.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li l-abbużi dwar sewqan b'veloċita` eċċessiva kien wieħed mill-fatturi trattatti fil-kuntatti msemmija fil-minuta 4.1.3. aktar 'l fuq.

4.1.5. Filwaqt li l-Kunsill approva l-introduzzjoni ta' *rumble strips*, kien tal-fehma li għandha tiġi riveduta l-lista ta' arranġamenti li kienu ġew proposti għall-*estate* kollu, bil-għan li jiġi stabbilit x'jista' jiġi mplimentat minnha.

### 4.2.1. Seminar dwar problemi b'rabta mal-impjieg taż-żgħażagħ (F/3/Vol XI)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 30 ta' Settembru 2011, mibgħut mir-Richmond Foundation, fejn għarrfu li b'kollaborazzjoni mal-Malta Community Chest Fund qed jorganizzaw serje ta' ħames seminars bit-tema *"Overcoming Barriers: Supported Employment for Youths"*. Il-fundazzjoni beħsiebha torganizza wieħed minn dawn is-seminars fil-Mellieħa, u qed timmira li dawn jilħqu l-għanijiet tagħhom b'kollaborazzjoni mal-Kappillani, għaqdiet non-governattivi u l-Kunsilli Lokali. Għalhekk appellat lill-Kunsill jgħin biex jinstab post li jkun jista' jakkomoda sa għoxrin persuna. Intalbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex tingħata pubbliċita` bil-mezzi li għandu għad-disposizzjoni tiegħu sabiex dan ikun jista' jseħħ fl-1 ta' Novembru bejn it-3.00pm u s-7.00pm.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinkiseb il-kunsens tal-Kappillan bil-għan li s-seminar jiġi ospitat fiċ-Ċentru Parrokkjali. F'każ li dan ma jkunx possibbli tintuża l-*Video Room* tal-Iskola Primarja.

### 4.3.1. Ipparkjar fi Triq Sant' Elena u Triq Franġisk Zahra (T/3/3/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 28 ta' Awwissu 2011, mibgħuta mis-Sinjorina Anabelle Brincat Stellini dwar nuqqas ta' spażju għall-ipparkjar għar-residenti fit-toroq imsemmija kkawżat min-negożji li hemm fil-qrib. Hija appellat sabiex faċilitajiet ta' parkeġġ għal dan l-iskop jiġi pprovdut f'Misraħ il-Parroċċa u postijiet oħra.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minkejja l-iskema tal-*Commuted Parking Payment Scheme*, imħaddma mil-MEPA, din ma ssolvi xejn f'dak li jirrigwarda faċilitajiet ta' ipparkjar. Min-naħa l-oħra qed jirriżulta li fejn ikun hemm lukandi, fejn l-istess Awtorita` esiġiet li jkun hemm garaxxijiet skont id-daqs tagħhom, dawn xorta ma jsirx użu minnhom għal xi raġuni jew oħra.

4.3.4. Ġie osservat li l-proposta dwar faċilitajiet għall-ipparkjar f'Misraħ il-Parroċċa diġa hija nkluża fil-pakkett ta' proposti li tressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta ftit ġimgħat qabel u għalhekk għandha tingħata tweġiba f'dan is-sens. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill qabel li l-operaturi tal-lukanda li hemm fil-qrib għandha tinġibdilhom l-attenzjoni dwar il-problema li qed jikkawżaw il-klijenti tagħhom.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 3 ta' Ottubru 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn id-9 u d-29 ta' Settembru 2011.

6.3. Is-Sindku aċċenna għall-*items* 003, 037 u 038-09-11 tal-iskeda li jinvolvu talba rifużżjoni tal-ispejjeż minfuqa fuq biljetti tal-ajru li nxtraw in konnessjoni mal-Konferenza Terra Mirabilis li saret f'Turin bejn is-17 u d-19 ta' Settembru 2011. Huwa qal li parti minn dawn l-ispejjeż ser jiġu rkuprati minn fondi tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li saret talba sabiex jinkisbu fondi permezz tal-Iskema ta' Kofinanjament.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

**7.1. *Resurfacing* ta' toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)**

7.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li x-xogħol fuq Triq l-Armier, bejn it-Triq Ta' Msid u Triq Ramlet il-Qortin, intemm u n-nefqa fuqu laħqet € 378,878. Huwa fakkar li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien approva li jiffinanzja 30% tas-somma totali stmata għal Triq l-Armier li tlaħħaq €718,580. Is-Sur C. Debono talab lill-Kunsill jiddeċiedi dwar jekk għandux jitkompla r-*resurfacing* ta' Triq l-Armier aktar 'il ġewwa, jew issir xi triq oħra bil-permess tal-istess Dipartiment. Aċċenna wkoll li skont il-ftehim li ġie ffirmat mad-Dipartiment, ix-xogħlijiet jeħtieġ li jitwettqu sal-aħħar tal-2011.

7.3. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill qed jikkonsidra żewġ għażliet li jinvolvu kostruzzjoni ta' Triq il-Wied Ta' Ruman f'Tas-Sellum, jew Triq il-Mellieħa, biswit Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata. Huwa qal li sfortunatament, il-*Contracts Manager* kien għadu ma ssottomettiex l-istima fl-ewwel każ, filwaqt li fir-rigward ta' Triq il-Mellieħa għadu mhux magħruf jekk huwiex meħtieġ li ssir esproprjazzjoni ta' art privata bejn Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Mejjiesa. Is-Sur R. Cutajar, sostna li bħala priorita` għandha tingħata t-triq biswit Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata

7.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-kostruzzjoni ta' toroq ġodda hija responsabilita` li għadha ma ġiet devoluta lill-Kunsilli Lokali u għalhekk jeħtieġ li jinġieb il-permess ta' Transport Malta. Ikun meħtieġ ukoll il-permess mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, billi l-istess dipartiment huwa wieħed mill-partijiet fil-kuntratt li jirregola il-*public private partnership*. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll li l-istess kuntratt jistipula li x-xogħol kollu jeħtieġ li jitlesta kollu fis-sena 2011.

7.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li għalkemm wieħed għandu jistenna l-istima dwar il-kostruzzjoni ta' Triq il-Wied Ta' Ruman, bil-għan li tittieħed deċiżjoni nfurmata, legalment ikun jagħmel sens li titkompla Triq l-Armier illi mhix fi stat tajjeb.

7.6. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jistenna l-istima dwar Triq il-Wied Ta' Ruman u jsiru verifiki mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar it-tniffid ta' Triq il-Mellieħa ma' Triq il-Mejjiesa.

**8.1. Proġett ta' *Landscaping* fi Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)**

8.2. Is-Sindku rrefera għall-pjanti emendati li ġew mgħoddija lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta. Spjega li fil-pjanta emendata, il-passaġġi ġew mressqa u limitati għall-parti l-għolja tas-sit bil-għan li jiġu evitati ħitan għoljin.

8.3. Is-Sur R. Cutajar qal li l-amministrazzjoni tal-Iskola Primarja lesta li tibdel l-entratura għat-tfal tal-Kindergarten minn Triq il-Mitħna l-Ġdida għal parkeġġ li jgħaqqad l-istess triq ma' Triq Qasam Barrani. Filwaqt illi huwa propost li jintuża l-istess bieb fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, it-tfal ser jidħlu mill-parti fejn hemm it-triq magħluqa (il-parkeġġ eżistenti) u jimxu fil-ġnien minn passaġġ li jsir apposta. Is-Sindku qal li l-iskop ta' dan kollu huwa s-sigurta` tat-tfal u l-ġenituri waqt id-dħul u l-ħruġ mill-iskola.

8.4. Il-Kunsillier C. Bartolo, qal li skont il-pjanta mressqa ser jintilfu numru ta' spazji għall-ipparkjar fejn ser ikun hemm id-dħul għall-parti li ser tiġi *landscaped*. Huwa qal li issa dan ser jintilef kollu.

8.5. Is-Sur R. Cutajar qal li l-ispazji għall-ipparkjar ser jinżammu xorta waħda, iżda l-użu tagħhom ser ikun ristrett waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal tal-kindergarten.

8.6. Il-Kunsill approva l-pjanta emendata u qabel li għandha tiġi sottomessa lill-MEPA.

## 9.1. Twaqqif ta' Kumitat tat-Tmexxija dwar il-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)

9.2. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi għarraf li l-bini tad-*dressing rooms* u t-*toilets* dalwaqt ser jissaqqaf, filwaqt li l-art tal-korsa tal-atletika u l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ miexi b'ritmu tajjeb u wasal fi stadju avvanzat. Min-naha tal-Kunsill inħarġet is-sejħa sabiex isiru d-dwal esterni kif ukoll dawk ta' ġol bini. Din tagħlaq fil-31 ta' Ottubru 2011. Qed jitħejja wkoll dokument tal-offerta dwar il-wiċċ tal-korsa tal-atletika, kif ukoll tal-*multi-purpose court*. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-isports dalwaqt ser joħroġ sejħa sabiex isir l-*open air gymnasium*.

9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-proġett wasal fi stadju li jeħtieġ issir sejħa għall-offerti dwar il-provista u t-tqegħid ta' pavimentar, filwaqt li attwalment t-Taqsima tax-Xogħlijiet m'hijiex f'pożizzjoni li tiffinanzjaw l-ispiża kollha stmata. Għaldaqstant, saret proposta sabiex it-Taqsima toħroġ is-sejħa xorta waħda, filwaqt li l-Kunsill jagħmel tajjeb għad-differenza mill-*budget* tiegħu li għandu allokat fuq dan il-proġett għas-sena kurrenti. L-ispiża totali fuq il-pavimentar ġiet stmata €76,000 u l-Kunsill intalab jgħaddi is-somma ta' €61,000 lit-Taqsima tax-Xogħlijiet, hekk kif jitlesta x-xogħol.

9.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li għalkemm it-Taqsima tax-Xogħlijiet hija entita` governattiva, għandha tinkiseb l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali qabel il-Kunsill jidħol f'dan it-tip ta' arranġament.

9.5. Is-Sindku wieġeb li l-liġi ma tipprojbixxix li jsiru pagamenti mill-Kunsill lil dipartimenti u entitajiet governattivi, izda jaqbel li għandha tinkiseb l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex isir hekk.

9.6. Wara li ttieħed in konsiderazzjoni li l-Kunsill jeħtieġ li jiffinanzja l-materjal, id-dwal, kif ukoll il-wiċċ tal-korsa u l-*multi-purpose court,* kien hemm qbil li għandu jidħol ukoll f'arranġament mat-Taqsima tax-Xogħlijiet sabiex il-Kunsill jiffinanzja 80% mill-ispiża totali stmata tal-pavimentar, wara li jinkiseb il-kunsens tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

9.7. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li tintbagħat ittra lill-kumitat tal-timijiet Melleħin tal-basketball, netball, volleyball u l-atletika sabiex jinnominaw persuna fuq il-kumitat tat-tmexxija.

9.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa wkoll li għandu jiġi nominat membru sostitut sabiex il-kumitat jibqa' jiffunzjona f'każ li l-ewwel membru jkun indispost.

9.9. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa skond il-minuti 9.6. u 9.7. aktar 'il fuq.

## 10.1. Inizjattivi mnedija mill-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate (S/2/Vol V)

10.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-seduta Nru. 58 tat-18 ta' Awwissu 2011, meta delegazzjoni mill-għaqda msemmija kienet qalet li għandha l-ħtieġa ta' *shredder* sabiex jiddisponu mis-siġar li jinżabru fil-Wied Ta' Għajn Żejtuna.

10.3. Kien hemm qbil li dan il-makkinarju għandu jinxtara, sakemm dan jibqa' proprjeta` tal-Kunsill u jinżamm fil-kustodju tiegħu bil-għan li jkun jista' jintuża għal ħtiġijiet oħra simili fil-lokalita`.

10.4. Is-Segretarju qal jeħtieġ issir sejħa għall-istimi mill-Kunsill bil-proċedura stabbilita fir-Regolamenti Finanzjarji.

10.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-proposta li saret mill-Għaqda dwar il-ħażna tal-ilma li jgħaddi mill-wied. Huwa kkummenta li forsi kien ikun aktar plawsibbli jekk jiġu ntrodotti miżuri biex titnaqqas il-veloċita` tal-ilma u hekk jiskula aktar fil-blat.

10.6. Is-Sindku ppropona li għandhom jsiru konsultazzjonijiet mal-*Contracts Manager* u possibilment mal-MEPA sabiex tiġi mistħarrġa l-possibilta` li jinħarġu permessi għat-tħaffir ta' ġwiebi taħt il-livell ta' Triq il-Qasab jew sabiex titwettaq il-proposta mressqa fil-minuta 10.5.

## 11.1. Servizz bi *trackless train* fil-lokalita` (T/5/3)

11.2. Is-Sindku għarraf li fil-preżent Transport Malta ħarġet permess għall-servizz ta' *trackless train* f'San Pawl il-Baħar u f'Marsaxlokk, flimkien ma' dak tar-Rabat (Malta). Is-Sur R. Cutajar ippropona li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta bil-għan li toħroġ sejħa fil-każ tal-Mellieħa wkoll. Huwa qal li minbarra x-xenarju, vjaġġ bit-*trackless train*, jista' jinkludi postijiet storiċi bħalma huma l-Mużew tat-Tunnara, it-Torri l-Aħmar eċċ.

11.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u kien tal-fehma li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet bil-għan li jiġi stabbilit il-potenzjal li jista' jkollha din l-inizjattiva, kif ukoll biex tiġi stabbilita r-rotta.

## 12.1. Korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol III)

12.2. Is-Sindku għarraf li kien hemm kuntatti mal-kumpanija The Computer Training Centre Ltd sabiex jiġu kordinati flimkien magħhom tliet korsijiet bl-isem *Lean-It*, *e-Anzjan* u tal-*ECDL* li ser ikunu koperti bil-ħlas ntalab fuq l-aħħar grupp ta' korsijiet li ġew organizzati. Dan il-ftehim intlaħaq, peress li n-numru ta' persuni li attendew għal l-istess korsijiet kien ferm inqas mill-massimu stabbilit mill-istess kumpanija.

12.3. Il-Kunsill approva dan l-arranġament u qabel li għandu jitħallas l-aħħar kont mgħoddi minn TCTC Ltd.

## 13.1. Ħannieqa Kotba Melleħin (P/3/5)

13.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 47 tat-12 ta' Jannar 2011, meta kienet ġiet diskussa proposta mis-Sur David Azzopardi sabiex il-Kunsill jippubblika xogħol ta' proża li huwa kiteb bit-titlu "Iz-Żija tal-Mellieħa". Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-ktieb fih bejn 130 u 150 paġna, u bħala rikonoxximent qed jitlob li jingħata 20 kopja biss. Huwa appella sabiex issir sejħa għall-istimi sabiex il-ktieb ikun jista' jiġi ppubblikat.

13.3. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

## 14.1. Brussels EDEN Conference 2011 (T/12/2)

14.2. Is-Sindku għarraf li bejn is-26 u t-28 ta' Settembru 2011 huwa attenda il-konferenza tal-EDEN fi Brussel. Fl-istess konferenza s-Sur R. Cutajar qal li ġie kkonfermat bħala membru fuq l-i*Steering Committee* tal-EDEN. Fl-istess konferenza kien trattat ukoll il-ħlas tas-sħubija u ġie ffissat li dan għandu jkun ta' €1,300 kull lokalita` għal perjodu ta' tliet snin. Is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali ser jagħmel tajjeb għal dan fir-rigward tal-ħames lokalitajiet Maltin imsieħba.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Żjara minn ġurnalisti Pollakki (T/12/1)

15.2. Is-Sindku għarraf li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu ser tospita numru ta' ġurnalisti Pollakki fuq żjara ta' familjarizzazzjoni ma' Malta. Dawn ser iżuru l-Mellieħa u għalhekk ippropona li jsir aċċenna fuq is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

15.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 16.1. Agia Napa Festival 2011 (K/1/5/4)

16.2. Is-Sindku rrefera għaż-żjara li seħħet f'Agia Napa bejn it-22 u s-26 ta' Settembru 2011 fuq stedina tal-kunsill lokali. Huwa kien akkumpanjat mill-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier J. Azzopardi. Is-Sur R. Cutajar qal li ttieħdet l-opportunita` sabiex ittellgħa *stand* b'informazzjoni dwar il-Mellieħa. Minbarra l-attendenza għas-serati li kienu parti mill-Agia Napa Festival, kien hemm logħba futbol bejn it-tim nazzjonali Malti tad-Dipartiment tal-Gvern u Entitajiet Parastatli u tim ieħor Ċiprijott mill-istess settur. Il-logħba ntrebħet mit-tim Malti b'riżultat ta' 4-2. Is-Sindku qal li dawn l-attivitajiet kienu l-aħħar qabel l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali f'Ċipru f'Diċembru 2011.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**17.1. Servizzi tal-ġbir tal-iskart organiku u tindif tat-toroq (K/6/2/Vol V)(T/4/5/Vol IV)**

17.2. Is-Sindku kkummenta li nnota titjib wara laqgħat separati li saru mal-kuntratturi assenjati s-servizzi msemmija, kif ukoll mal-*Contracts Manager*. Huwa qal ukoll li fil-każ tal-vetturi wżati għall-ġbir tal-iskart organiku saru spezzjonijiet minn *mechanical engineer* bil-għan li jitrazznu l-ilmenti persistenti dwar it-tixrid ta' likwidu minnhom.

17.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li ċerti postijiet, mhux qed isir knis, jew mhux isir b'mod mekkanizzat. Huwa semma ż-żona Ta' Pennellu bħala eżempju. Kompla jgħid li jista' jagħti l-fatt, li minħabba ż-żieda tas-servizz fil-Ħdud għat-toroq ewlenin, qed jitnaqqas is-servizz minn toroq oħra. Aċċenna wkoll għall-ħtieġa li l-*litter bins* illi hemm qrib il-Ground f'Ta' Pennellu għandhom jitbattlu kull nhar ta' Tnejn, peress li jimtlew fi tmiem-il ġimgħa.

17.4. Ittieħdet nota tal-punti mqajjma.

**18.1. Viżibilita` fi Triq tal-Mistra (T/4/4/Vol II)**

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni għal ġebla kbira li qed ixxekkel il-viżibilita` tas-sewwieqa li jkunu ħerġin mit-triq tal-Mistra għat-triq ewlenija bejn il-Mellieħa u San Pawl il-Baħar. Huwa appella sabiex jiġu kkunsidrati mezzi biex din titneħħa.

18.3. Ittieħdet nota sabiex possibilment il-ġebla msemmija titneħħa.

**19.1. Periklu fi Triq il-Mitħna l-Ġdida k/m Triq Sant' Anna (D/3/1/Vol IV)**

19.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-periklu li jeżisti fil-*junction* imsemmija minħabba li l-wiċċ tat-triq jiżloq peress li llixja ħafna.

19.3. Il-Kunsill qabel li jista' jsir *scarifying* tal-wiċċ.

**20.1. Puġġaman fi Triq il-Pellegrini (T/3/4)**

20.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-ħtieġa li jsir puġġamen tal-ħadid fit-taraġ li hemm bejn Triq tas-Salib u Triq Salvu Camilleri.

20.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**21.1. Sewqan perikoluż fi Triq tas-Salib (T/3/2/Vol X)**

21.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm sewqan b'veloċita` qawwija fi Triq tas-Salib, minkejja li l-karreġġjata hija dejqa bil-vetturi pparkjati fuq naħa waħda tagħha. Il-periklu jikber meta xi ħadd jaqsam bejn il-vetturi pparkjati.

21.3. Minkejja li l-Kunsill qabel illi s-sitwazzjoni deskritta fil-minuta 21.2. teżisti kontinwament, ma qabilx li jsiru *speed humps*, peress li dawn jikkawżaw inkonvenjent għar-residenti bil-ħsejjes li jikkawżaw. Ittieħdet in konsiderazzjoni li fl-istess triq diġa saru *speed humps* kantuniera ma' Triq Salvu Camilleri, xi żmien qabel.

**22.1. Milied Mellieħi 2011 (A/5/3/6/Vol III)**

22.2. Is-Sindku qal li nbdew it-tħejjijiet għall-Milied Mellieħi 2011. Huwa ppropona li din l-edizzjoni tiżvolgi bejn is-Sibt 17 u l-Ġimgħa 24 ta' Diċembru 2011 taħt it-tinda f'Misraħ il-Parroċċa.

22.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2011, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |